# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

### S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI
### ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA
### ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru: 36**

**Rikors Numru: 350/15 AL**

**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Katya Vella Bamber**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali pprezentat fil-31 ta' Awwissu, 2015, li fih jinghad hekk:

> "Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai terimini ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kapitolu 410 tal-Liġijiet ta' Malta) li bih ġie rratifikati il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri[1] u li mas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ġie applikabbli r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 tas-sena 27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri (magħruf bħala l-*Brussels II bis).*

[1] Magħrufa bħala l-Konvenzjoni tal-Ajja.

"Illi r-rikors odjern jirrigwarda l-minuri Matthew Duflou, li twieled fit-21 ta' Ġunju 2010 f'Uccle, il-Belġju u dan skont kif jindika ċ-ċertifikat tat-twelid (kopja hawn anness u immarkat bħala Dok. HS1), iben Pierre Duflou u Katya Vella Bamber, li iżżewġu fit-2 ta' Ġunju 2007 fir-Rabat Malta, u sussegwentament huma bdew jirrisjedu ġewwa l-Belġju.

"Illi l-fatti kif spjegati mill-Awtorità Ċentrali fil-Belġju tramite applikazzjoni (Dok. HS2) huma s-segwenti:

"a. Illi Is-Sur Duflou u s-sinjura Vella Bamber isseparaw fit-tmiem is-sena 2013 u bi ftehim komuni, it-tifel kien ser jogħod alternattivament għand wieħed/waħda mill-ġenituri tiegħu.

"b. Illi fis-26 ta' Ġunju 2014 is-sur Duflou u l-intimata iffirrmaw ftehmin li jippermetti lil-intimata toqgħod Malta temporanjament bit-tifel, matul is-sena skolastika 2014-2015, jiġifieri mis-16 ta' Settembru 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015. Dan il-fethim jindika espressament li l-partijiet ma kellhomx l-intenzjoni li it-tifel jiċaqlaq lejn Malta b'mod definittiv u li *habitual residence* tat-tifel kienet ser tibqa' ġewwa l-Belġju.

"c. Il-partijiet kienu ftiehmu wkoll li kienu ser ikomplu jeżerċitaw b'mod konġunt l-awtorità ta ġenitur fuq it-tifel, b'mod konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Belġjani[2]. Is-Sur Duflou u s-Sinjura Vella Bamber kellhom jieħdu deċiżjoni ġdida ta' ftehim komuni fix-xahar ta' Frar 2015 fir-rigward tal-akkomodazzjoni tat-tifel tagħhom. Fil-każ ta' tilwilm persistenti bejniethom wara t-30 ta' Ġunju 2015, kien ġie miftiehem li d-differenzi ta' bejniethom għandhom jiġu sottomessi quddiem imħallef Belġjan (Dok HS. 3).

"d. Illi fl-aħħar ta' Marzu 2015, is-Sinjura Vella Bamber infurmat lis-Sur Duflou li kienet ħadet id-deċiżjoni b'mod unilaterali li tibqa' Malta bit-tifel u li ma tirritornax bil-minuri ġewwa l-Belġju fl-aħħar ta' Ġunju, u b'dan għalhekk kisret id-drittijiet għal tutela u agixxiet b'mod illeċitu ai termini tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Illi l-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 jiddefinix 'dritt għal tutela' bħala dak id-dritt li jaffettwa t-tħaris tat-tifel, u b'mod partikolari dak li jiġi deċiż il-post ta' residenza tiegħu'.

[2] Artikolu 374 – Para 1. Meta l-missier u l-omm ma joqogħdux flimkien, l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri jibqa' konġunt u tapplika l-preżunzjoni stipulata fl-Artikolu 373 (2)

"Illi l-minuri Matthew Duflou qiegħed jiġi ritenut illeċitament hawn Malta mis-Sinjura Katya Vella Bamber u dan meta l-*habitual residence* ta' l-istess minuri hija l-Belġju.

"Illi l-missier għandu dritt illi jkun parteċipi fid-deċizjonijiet importanti fil-ħajja tal-minuri aktar u aktar tenut kont tal-fatt li huwa kien qed jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' ġenitur skont il-liġi ċivili tal-Belġju kif ukoll il-ftehim minnhom milħuq fis-26 ta' Ġunju 2014 u dan qabel ma l-intimata qabdet u reteniet b'mod illeċitu lil minuri Matthew Duflou mill-Belġju.

"Illi missier il-minuri applika lill-Awotrità Ċentrali tal-post fejn għandu l-post tar-residenza l-minuri ċioe l-Belġju għar-ritorn tal-istess minuri Matthew Duflou ai termini tal-Aritkolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ajja, u hekk kif jipprovdi l-artikolu sussegwenti, l-Awtorità Ċentrali tal-Belġju fit-18 t'Awwissu 2015 bagħtet l-applikazzjoni direttament lill-Awotrità Ċentrali ta' Malta bħala dak l-istat kontraenti fejn instab il-minuri sabiex jinkiseb ir-ritorn tiegħu.

"Illi l-Awtorità Ċentrali ta' Malta ġiet awtorizzata minn missier il-minuri, Pierre Duflou (awtorizzazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok HS 4) sabiex tipproċedi kontra l-omm f'Malta u tagħmel dak li huwa permessibbli bil-liġi Maltija sabiex tirritorna il-minuri lejn l-Belġju.

"Illi l-esponent Direttur ħa l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkiseb ir-ritorn volontarju tal-minuri lejn il-Belġju skont kif dispost fl-Artikolu 7 (c) u 10 tal-istess Konvenzjoni Ajja iżda l-intimata rrifjutat milli tirritorna lill-minuri volontarjament.

"Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qiegħed jiġi ppreżentat Mandat t'Inibizzjoni biex iwaqqaf lil omm milli tieħu lil minuri Matthew Duflou barra minn Malta.

"Għaldaqstant, in vista ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha::

"1. Tordna r-ritorn tal-minuri Matthew Duflou ġewwa l-Belġju fi żmien qasir.

"2. Tagħti fil-frattemp dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri konċernat, inkluż avviż lill-awtoritajiet konċernatu, biex il-minuri jiġi salvagwardjat milli jerġa jittieħed b'mod illeċitu u minn Malta għal pajjiż ieħor, liema tneħħija tagħmel ir-ritorn tal-minuri fil-*habitual residence* tiegħu ferm aktar diffiċli u dan bi ksur espliċita tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u tar-Regolamet tal-Unjoni Ewropeja.

"U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorit jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.

"Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, u dana stante li l-esponenti qatt u bl-ebda mod ma rrendiet ruhha hatja ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta, (The Child Abduction and Custody Act) stante illi missier il-minuri, Pierre Duflou kien ta il-kunsens tieghu jew sussegwentment baqa' sieket ghar-rimozzjoni jew retenzjoni tal-minuri ai terminital-Artikolu13(a) tal-Ewwel Skeda tal-Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta, (The Child Abduction and Custody Act); u kwindi ma jissistux ir-rekwiziti necessarji sabiex il-minuri jigi ritornat gewwa l-Belgju kif mitlub da parti tar-rikorrent;

"2. Illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet illi l-minuri kellu jigi ritornat gewwa l-Belgju fit-30 ta' Gunju 2015, jew xi data ohra partikolari. Illi inoltre t-traduzzjoni ta' partijiet fundamentali mid-Dokument HS3 anness mar-rikors tar-rikorrent huma ghal kollox skorretti u qarrieqa mmirati biex jizgwidaw l-attenzjoni ta' Dina l-Onorabbli Qorti f'materja tant delikata u sensittiva, kif ser jigi ppruvat.

"3. Illi l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet datata l-24 ta' Gunju 2014 hija nulla u bla effett, u mhux enforzabbli, kif gie stabbilit minn Dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' sentenza Taghha datata t-30 ta' Gunju 2015, (Dok KVB1) fl-ismijiet *Katya Vella Bamber vs Pierre Duflou* (Rikors Gur: 73/2015AL). Illi inoltre, u fi kwalunkwe kaz l-istess skrittura kellha tirregola diversi modalitajiet bejn il-partijiet sat-30 ta' Gunju 2015, u kwindi llum skadiet.

"4. Illi l-intimata ilha tirrisjedi gewwa Malta flimkien ma binha mill-10 ta' Lulju tas-sena 2014, (Dok KVB2) fejn issa stabbiliet ir-residenza taghha, kif gie kkonfermat minn Dina l-Onorabbli permezz tas-sentenza citata.

"5. Illi t-talba ta' Pierre Duflou saret taht pretenzjonijiet foloz u abbusivament, b'reazzjoni ghas-sentenza tat-30 ta' Gunju 2015 kif ukoll tad-Digriet tal-istess data, illi kkonferma l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra Pierre Duflou (Dok KVB3; u dana xhur wara li huwa stess, u cioe', f'April

2015, kien istitwixxa proceduri normali ta' separazzjoni personali/divorzju gewwa l-Qrati Belgjani Dok KVB4), minflok proceduri urgenti ghar-ritorn immedjat tal-minuri gewwa l-Belgju, kif wiehed kien jeppretendi li jaghmel fic-cirkostanzi.

"6. Illi bl-ebda mod Pierre Duflou ma gie mcahhad milli jezercita d-drittijiet tieghu ta' missier fuq il-minuri illi jkellem kuljum, u inoltre sakemm gew istitwiti dawn il-proceduri kien jzur lil missieru gewwa l-Belgju kull xahar bi qbil bejn il-partijiet, u dan ghal perijodu ta' bejn hamest ijiem u tlett gimghat skont l-esigenzi ta' xoghol tal-istess rikorrent. Flahharnett, Pierre Duflou stess, diversi drabi kull xahar jigi Malta u jghix mal-minuri.

"Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju, 2016, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Ghalhekk, tenut kont ta' dak suespost u tenut kont tal-fatt li l-minuri ttiehed mir-residenza ordinarja tieghu gewwa l-Belgju biex ingieb f'Malta taht l-impressjoni li din kienet mossa temporanja, meta fil-verita' ma kienitx u li l-istess minuri baqa' f'Malta wara t-30 ta' Gunju 2015 minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-missier, b'applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qieghda <u>tilqa</u>' r-rikors promotur u t-talbiet tad-dipartiment rikorrenti u konsegwentement tordna r-ritorn tal-minuri Matthew Duflou gewwa l-Belgju, b'dan li tali ritorn ghandu jsir bl-ghajnuna u bl-involviment necessarju kollu tad-Dipartiment rikorrenti.

"Bl-ispejjez kontra l-intimata."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-minuri Matthew Duflou twieled fil-21 ta' Gunju 2010 gewwa l-Belgju b'dan li l-gerituri tieghu huma Pierre Duflou u l-intimata (li kienu sseparaw fit-tmiem is-sena 2013). Permezz tar-rikors promotur tieghu, jaghti spjegazzjoni b'mod kronologiku ta' kif

graw il-fatti b'dan li, dejjem skont il-fatti rakkontati lilu, l-intimata qabbdet u ddecidiet unilateralment li ser tibqa' Malta flimkien mal-minuri (wara li kien gie miftiehem minnhom li l-istess minuri u l-intimata kellhom jibqgħu Malta biss minn Settembru 2014 sat-30 ta' Gunju 2015). Kien proprju ghalhekk li permezz ta' talba datata l-31 ta' Awwissu 2015, l-Awtorita' Centrali f'Malta mexxiet bl-applikazzjoni odjerna, u dan fuq talba tal-Awtorita' Centrali fil-Belgju, anke abbazi tal-fatt li fil-mument li l-intimata telqet bil-minuri u sussegwentement iddecidiet li tibqa' Malta, bi ksur tad-dritt ghal tutela ta' Pierre Duflou, bhala dak id-dritt li jaffettwa t-tharis tat-tifel u b'mod partikolari dak li jigi deciz il-post ta' residenza tieghu.

"Naturalment id-dipartiment rikorrenti huwa infurmat b'tali informazzjoni da parti ta' Pierre Duflou li ntavola l-affidavit tieghu[3] u li permezz tieghu jaghti l-verzjoni tal-fatti kif jafhom. Isemmi li hu u l-intimata zzewgu f'Gunju 2007 f'Malta, ghalkemm iddecidew flimkien li r-residenza taghhom tkun gewwa l-Belgju, tant li marru jghixu wkoll gewwa l-Belgju u sussegwentement xtraw ukoll dar flimkien fil-Belgju li kienet id-dar matrimonjali taghhom[4]. Jghid ukoll li f'Gunju 2010 twieled il-minuri Matthew li ghandu nazzjonalita' doppja u cioe' dik Maltija u dik Belgjana. Jispjega li l-minuri dejjem ghex gewwa l-Belgju, b'dan li jipprezenta wkoll certifikat ta' residenza li nhareg f'Novembru 2015[5] kif ukoll dokumentazzjoni dwar l-iskola li kien jattendi l-istess minuri[6]. Jispjega li z-zwieg taghhom tkisser jew beda jitkisser u marru ghal xi sessjonijiet quddiem medjatur kif ukoll psikologu. Kien quddiem tali medjatur li l-partijiet ftehmu li l-intimata ghandha tigi Malta fuq bazi temporanja (precizament bejn is-16 ta' Settembru 2014 u t-30 ta' Gunju 2015) sabiex taqta' mis-sitwazzjoni prezenti ta' dak iz-zmien gewwa l-Belgju. Il-minuri kellu jkun mal-intimata, bl-intiza cara li wara tali data, l-partijiet jiddeciedu x'kienu ser jaghmlu. Fil-fatt nhar is-26 ta' Gunju 2014 il-partijiet ftehmu li l-minuri ser jibqa' domiciljat gewwa l-Belgju u li fuq kollox iz-zewg genituri kienu ser jibqghu fdati bil-*parental responsibility* tal-minuri. Wara li jaghti d-dettalji taz-zmien li gie hawn Malta fil-perjodu meta l-intimata kienet Malta mal-minuri (fil-perjodu maqbul bejniethom li skont hu dejjem kien wiehed temporanju), jispjega li l-intimata ddecidiet unilateralment li tibqa' Malta *oltre* d-data miftehma tat-30 ta' Gunju 2015. Jghid li ma setax jintavola l-proceduri odjerni qabel it-30 ta' Gunju 2015, peress li din kienet il-gurnata sakemm l-intimata kellha konferma li setghet tibqa' Malta flimkien mal-minuri bil-kunsens tieghu, ghalkemm qabel tali data kien diga' qieghed jistaqsi fuq il-procedura idoneja biex jiehu lill-minuri lura

[3] Ara a fol 99 tal-process
[4] Kif inhu kkonfermat minn Dok. PD1 esebit a fol 105 tal-process
[5] Ara Dok. PD3 esebit a fol 107 tal-process
[6] Ara Dok. PD5 esebit a fol 109 tal-process

lejn il-Belgju[7]. Jispjega wkoll li f'dan il-perjodu kollu l-minuri xorta wahda kien taht il-kura u kustodja taz-zewg genituri u ghalhekk l-intimata ma setghet qatt tiehu decizjoni wahedha dwar fejn ghandu jghix il-minuri. Jzid jghid li ghandu relazzjoni tajba mal-minuri b'dan li jcempillu ta' sikwit u jipprova jigi Malta kemm jista' jkun frekwenti, imma jaf li l-minuri jimmissja lil missieru, n-nanniet, il-hbieb, il-kugini u l-Belgju. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li qatt ma ta l-kunsens jew l-approvazzjoni tieghu biex il-minuri jibqa' Malta lil hinn mill-1 ta' Lulju 2015.

"**Il-Verzjoni tal-intimata**

"Permezz tal-affidavit taghha[8] l-intimata tispjega l-hajja taghhom gewwa l-Belgju u kemm kienet thossha wahedha, peress li Pierre Duflou kien jaghmel granet barra d-dar minhabba x-xoghol tieghu ta' pilota. Tispjega li ghalkemm iddiskutiet il-possibilita' li jmorru jghixu band'ohra, Pierre Duflou dejjem irrifjuta ghal ragunijiet egoistici. Tispjega wkoll li ghalkemm hi riedet issalva z-zwieg, Pierre ma kienx ihoss l-istess u ghalhekk meta rrealizzat li kien qed jifrah li mhux qed tinqabad tqila bit-tieni tarbija li kienu qed jippjanaw, kkonfrontatu u kien f'dan il-mument li saret taf li Pierre ma kienx ghadu jhobbha. Tghid ukoll li Pierre hareg mid-dar matrimonjali, b'dan li kien jara lill-minuri ghal hamest ijiem fix-xahar li kien iqattaghhom mieghu u li din hija s-sitwazzjoni li jrid li terga' tigi fis-sehh u tghid ukoll li r-raguni ghaliex intavola l-proceduri odjerni hi sabiex igieghlha tmur lura l-Belgju. Ssemmi wkoll mara ohra li allegatament Pierre kellu f'hajtu u li giet introdotta wkoll lill-minuri.

"Tispjega li f'dawn ic-cirkustanzi, l-fatt li kellha tahdem u tiehu hsieb lill-minuri fl-istess hin, waslet f'punt fejn riedet terga' tigi lura Malta, b'dan li Pierre ikun jista' jara lill-minuri hawn, izda Pierre irrifjuta, skont l-intimata ghal ragunijiet egoistici u cioe biex meta jkun irid jara lil ibnu, kemm jaghfas buttuna u jkun hemm. L-intimata tikkontendi li dan hu agir egoist, specjalment minhabba l-fatt li xoghol Pierre hu li jaqbad l-ajruplani u li ghalhekk ghalih zgur li ma kienitx ser tkun xi problema biex jinzel Malta u jara lil ibnu.

"Dwar il-ftehim li hi u Pierre iffirmaw fl-istadju tal-medjazzjoni, tghid li dan hu ftehim li jxaqleb totalment lejh u li kien *a take it or leave it deal* u ghalhekk kellha tiffirma.

"Il-minuri mill-ewwel integra u adatta f'Malta u fl-iskola l-gdida tieghu u li hekk kif infurmat lil Pierre li ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna lura lejn il-Belgju, Pierre intavola proceduri ta' divorzju

[7] Ara Dok. PD9 esebit a fol 113 tal-process
[8] Esebit a fol 126 tal-process

quddiem il-Qorti tal-Belgju. Tghid ukoll li l-minuri jrid jghix Malta b'dan li jmur ghall-vakanzi ghand missieru gewwa l-Belgju.

"**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

"Mill-provi esebiti, jirrizulta li inizzjalment l-intimata giet Malta flimkien mal-minuri bil-kunsens u l-approvazzjoni taz-zewg partijiet u fuq dan hemm qbil, ghalkemm l-intimata tghid li ma kellha ebda ghazla hlief li tiffirma. Irid jinghad pero' li ghalkemm dawn il-provi dokumentarji juru li kien hemm arrangament li l-istess intimata tigi hawn Malta sat-30 ta' Gunju 2015, pero' l-kwistjoni hi jekk zewgha kienx jaf li l-intimata riedet tibqa' hawn Malta u zzomm il-minuri maghha *oltre* d-data miftehma. Irid jigi stabbilit ukoll jekk il-bdil fir-residenza tal-istess minuri sehhx minghajr il-kunsens tal-missier jew le u jekk hemmx ragunijiet li jistghu ikunu ta' difiza ghall-intimata.

"Illi mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car (u dan anke *ex admissis* mill-intimata stess), li hi giet Malta flimkien mal-minuri bl-intenzjoni cara li tibqa' hawn Malta, izda lil Pierre qaltlu li kienet ser tibqa' hawnhekk biss sa' Gunju 2015. Dan johrog car mix-xiehda tal-istess intimata, fejn tghid li kienet iddiskutiet il-possibilita' li titlaq mill-Belgju mieghu, izda dejjem irrifjuta li dan isir. Jekk hux ghal ragunijiet egoistici jew le fil-verita' ma taghmel ebda differenza, *stante* li dak li trid tisabbilixxi l-Qorti hu jekk fil-mument li l-minuri ttiehed mill-Belgju kienx residenti hemmhekk u fuq kollox jekk Pierre Duflou kienx konsapevoli tal-fatt li l-intimata riedet titlaq mill-Belgju mal-minuri b'mod permanenti.

"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Joanna Mulholland[9] (psychologist u *play therapist*) li tghid li l-minuri baxxa rasu meta qalilha li missieru jrid jiehdu lura lejn il-Belgju.

"Irid jinghad li l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-intimata fis-sens li l-minuri kien residenti hawn Malta, *stante* li d-dokumentazzjoni esebita turi mod iehor u li fuq kollox tali dokumentazzjoni turi li fil-verita' l-minuri kien hawn Malta fuq bazi temporanja u li qatt ma kien hemm ftehim (saz-zmien qabel ma l-intimata telqet mill-Belgju flimkien mal-minuri), li tistabbilixxi residenza hawn Malta fuq bazi permanenti. Huwa minnu li dan seta' kien abbazi ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet, pero' xorta jibqa' l-fatt li kien hemm ftehim bejn il-partijiet bl-intiza cara li l-minuri ma jibqax jghix f'Malta b'mod indefinit. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-intimata li l-Artikolu 3 tal-1980 Hague Convention[10] ma giex sodisfatt, ghaliex iz-zmien li ghamel il-minuri f'Malta ma kienx intiz sabiex jistabbilixxi residenza hawn Malta. F'dan is-

[9] Datata d-19 ta' April 2016 esebita a fol 249 tal-process

[10] Il-Brussels II Convention, Artikolu 2(11) taghti l-istess definizzjoni.

sens irid jinghad ukoll li l-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimata fejn tghid li din l-istess Qorti ddikjarat li l-minuri stabbilixxa resdenza hawn Malta (permezz tas-sentenza preliminari relatata mal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin), *stante* li dak li qalet din l-istess Qorti kien fis-sens li gialadarba l-minuri kien ilu Malta ghal diversi xhur, allura ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz, pero' dan bl-ebda mod ma jfisser li l-minuri kien stabbilixxa residenza f'Malta *ai termini* tal-istess Artikolu citat.

"Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' digriet jew sentenza li juri li l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet fdata f'idejn wiehed jew wahda mill-partijiet (fiz-zmien li l-minuri ttiehed mill-Belgju u mhux wara), allura dan ifisser li l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet f'idejn iz-zewg partijiet. Dan ifisser li sabiex tinbidel ir-residenza tal-minuri u l-istess minuri jibqa' hawn Malta wara t-30 ta' Gunju 2015 (u cioe' sad-data li Pierre Duflou kien accetta li l-minuri seta' jibqa' hawn Malta), kien hemm bzonn tal-awtorizazzjoni u l-kunsens tal-missier.

"Il-Qorti tirrileva wkoll li l-missier dejjem baqa' jezercita d-dritt tieghu ta' access u dejjem zamm kuntatt tajjeb mal-minuri (u jidher li dan mhux ikkontestat mill-intimata) u konsegwentement l-intimata m'ghandha ebda difiza ghad-decizjoni unilaterali li hadet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimata Katya Vella Bamber li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata moghtija fid-29 ta' Lulju, 2016, billi tichad it-talbiet tad-Dipartiment appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Dipartiment appellat;

Rat ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha tichad l-appell mis-sentenza tad-29 ta' Lulju, 2016, fl-ismijiet premessi, u li l-istess sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni

tal-Familja) tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Awwissu, 2016, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell, dan baqa' ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jinghad mill-ewwel illi permezz ta' dawn il-proceduri, l-mertu in ezami hija t-talba ghar-ritorn ta' tifel minuri lejn il-Belgju, fejn jinghad li l-minuri ghandu r-residenza abitwali tieghu, u mhux li jigu determinati affarijiet ohra (bhall-kura u kustodja tat-tifel). Minn ezami tal-provi jirrizulta li l-genituri tat-tifel wara li zzewgu Malta, marru jghixu l-Belgju, fejn kellhom id-dar matrimonjali taghhom, kienu jahdmu, kif ukoll fejn twieled it-tifel taghhom u qatta' l-ewwel snin ta' hajtu. It-tifel kien beda jmur l-iskola l-Belgju u bhala familja kienu jigi jqattghu xi ftit zmien ta' vaganzi f'Malta. Wara li nqala' l-inkwiet bejn il-genituri, l-omm riedet ftit zmien tahseb fuq il-futur taghha u xtaqet li tigi tqatta' xi zmien ta' riflessjoni hawn Malta. Il-missier ta l-kunsens tieghu li l-omm tigi hawn Malta, dan f'qafas ta' ftehim bejn il-partijiet, tas-26 ta' Gunju, 2014. Minn ezami ta' dan il-ftehim jirrizulta li hemm elenkati numru ta' kundizzjonijiet fosthom, li dan l-arrangament kellu jkun ghal zmien

definit bhala s-sena skolastika tat-tifel bejn Settembru 2014 u Gunju 2015, li ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni kull tliet xhur, b'dan illi sal-1 ta' Frar, 2015, kellha tittiehed decizjoni kongunta bejn il-genituri, sabiex jew jiggedded il-ftehim, jew li jigi ppjanat li l-minuri jmur lura Brussel fit-30 ta' Gunju, 2015, u dan bi qbil bejn il-genituri. Fin-nuqqas ta' qbil dwar fejn ser joqghod it-tifel wara t-30 ta' Gunju, 2015, il-partijiet qablu li jissottomettu ruhhom ghal decizjoni ta' Imhallef Belgjan. Il-genituri ftehmu li jezercitaw l-awtorità taghhom ta' genituri b'mod kongunt u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 376(1) tal-Kodici Civili Belgjana, kif ukoll illi t-tifel kien ser jibqa' residenti l-Belgju, sakemm il-genituri ma jkollhomx il-hsieb li c-caqliq tal-minuri lejn Malta jsir wiehed definittiv, peress li f'dak l-istadju iz-zjara tal-omm u tat-tifel f'Malta, kienet mahsuba bhala wahda temporanja. Kien hemm ftehim bejn il-genituri dwar zjarat li kellhom isiru mit-tifel fil-Belgju, kif ukoll dawk li kellhom isiru mill-missier f'Malta, inkluz l-akkomodazzjoni, il-kontribuzzjoni ghall-ispejjez ghall-manteniment u l-edukazzjoni tat-tifel. Ftehmu wkoll li l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ta' manteniment tat-tifel jigu riveduti, ladarba t-tifel jirritorna l-Belgju, jekk ikun il-kaz, skont id-decizjoni li kellha tittiehed mill-genituri sat-30 ta' Gunju, 2015.

Fis-sentenza taghha fil-meritu, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tad-Dipartiment appellat u ordnat ir-ritorn tat-tifel lejn il-Belgju. L-intimata appellat mis-sentenza u ghalkemm issejjes l-appell taghha fuq aggravju

wiehed, u cioè, qeghda tikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi, hija tislet numru ta' titli li tahthom tohrog diversi argumenti.

Ghalkemm din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni fil-kaz biss li tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Ghalhekk jehtieg li xorta ssir analizi tal-argumenti mressqa mill-appellanti.

L-appellanti tikkontendi li meta l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm zamma illecita tal-minuri, peress li kienu sodisfatti l-kriterji tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Ajja, hija iddecidiet b'dan il-mod filwaqt li issorvolat numru ta' kriterji li kellhom jigu sodisfatti, fosthom dik tar-residenza abitwali tal-minuri **minnufih** qabel id-data ta' ritenzjoni. L-appellanti tikkontendi li r-residenza tal-minuri kienet dik Maltija peress li l-minuri kien ilu joqghod Malta ghal sena. L-appellanti ticcita mis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-proceduri ta' separazzjoni mibdija minnha li jgibu referenza numru 73/2015 fejn dik il-Qorti rriteniet li kellha jedd tisma' l-proceduri peress li l-omm kienet stabbiliet ir-residenza taghha

hawn Malta. Ghalhekk l-appellanti tikkontendi li ladarba hija kienet tikkwalifika li stabbiliet ir-residenza taghha hawn Malta, ghandu jsegwi li anke t-tifel li kien jghix maghha, stabilixxa r-residenza tieghu hawn Malta. Hija tishaq li lanqas gie ppruvat li l-missier kellu xi dritt ta' kustodja skont il-ligi Maltija u li l-ftehim bejn il-partijiet ossia l-*Convention d'Honneur* m'ghandha l-ebda effett vinkolanti bejn il-partijiet, kemm taht il-ligi Maltija, u lanqas taht dik Belgjana, peress li dan il-ftehim qatt ma kien ratifikat minn xi Qorti u lanqas gie rez ezigwibbli u ghalhekk tikkontendi li m'ghandu jkollu ebda effett legali bejn il-partijiet.

Madankollu l-appellanti ticcita l-istess ftehim li kien hemm bejn il-genituri, li kien jaghtiha l-jedd tibqa' Malta bil-minuri, sakemm jigi deciz mod iehor mill-awtoritajiet gudizzjarji u li l-istess ftehim imkien ma kien jiddetta li l-minuri jigi ritornat il-Belgju sakemm ikun hemm decizjoni tal-qorti fuq x'kien ser jigri wara t-30 ta' Gunju, 2015. Izda minn qari tal-imsemmi ftehim, jirrizulta car lil din il-Qorti, li l-intenzjoni tal-partijiet ma kenitx wahda fejn tikkontempla li l-omm tibqa' bil-minuri hawn Malta sakemm il-punt jitressaq ghal decizjoni minn imhallef Belgjan. Inoltrè, ladarba hija stess tghid li d-decizjoni li tibqa' Malta haditha f'Marzu 2015, dan jindika li tabilhaqq il-hsieb originali tal-konjugi kien li z-zjara f'Malta kienet ta' natura temporanja u mhux wahda permanenti. Kien biss f'Marzu, 2015, li skattat d-decizjoni li hija tibqa' Malta flimkien mal-minuri.

Ghandu jinghad li ma jistax ikun li fejn jaqblilha l-appellanti ticcita l-ftehim jew il-*Convention d'Honneur* li kien jaghtiha l-jedd li tigi Malta temporanjament, flimkien mal-minuri, u fl-istess nifs tghid li dan il-ftehim m'ghandu ebda validità peress li qatt ma kien ratifikat minn imhallef. Filwaqt li jigi osservat li ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex tiddeciedi l-validità o meno tal-imsemmi ftehim, u huwa minnu li ma jirrizutax mill-atti li dan il-ftehim kien ratifikat minn imhallef, madankollu huwa meqjus li dan il-ftehim xorta ghandu jittiehed kont tieghu peress li jirrifletti r-rieda tal-komparenti fuqu, fil-mument li gie maqbul u ffirmat, u ghalhekk jirraprezenta l-konvenzjoni jew ftehim bejn il-genituri. L-appellanti tilmenta wkoll li dan il-ftehim kien sfavorevoli ghall-ahhar ghaliha, peress li kien ipprezentat lilha bhala wiehed *take it or leave it,* fl-isfond tax-xewqa taghha li tigi Malta bit-tifel. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrmarka li rrizulta mix-xhieda li fil-waqt li sar il-ftehim, l-appellanti kienet assistita b'avukat u lanqas ma jirrizulta li hija hadet xi passi legali sabiex tattakka l-istess ftehim.

F'ghajnejn il-Qorti jirrizulta car li, meta l-genituri rrokkaw fir-relazzjoni taghhom, iddecidew li jiehdu zmien ta' riflessjoni u <u>bi qbil</u> iddecidew li filwaqt li l-omm tigi Malta mat-tifel <u>ghal zmien definit</u>, bejn Settembru 2014 u Gunju 2015, kellhom jibqghu jirrevedu s-sitwazzjoni taghhom kull tliet xhur, sabiex jiddeciedu x'ser jigri mit-tifel wara t-30 ta' Gunju,

2015. F'kaz li jibqghu ma jiftehmux, kellhom imorru quddiem imhallef Belgjan (u mhux quddiem kwalunkwe qorti kif donnha tikkontendi l-appellanti) sabiex jigi deciz dan il-punt. Dawn il-fatti wahedhom juru li l-familja kienet residenti l-Belgju u z-zjara tal-omm u l-minuri f'Malta kienet wahda temporanja. Mill-ftehim jirrizulta car li r-residenza tal-minuri kellha tibqa' titqies bhala dik Belgjana u ghalhekk iz-zjara tal-minuri f'Malta, ghalkemm kienet wahda ta' disa' xhur, mhix wahda li tirradika r-residenza abitwali tat-tifel f'Malta, peress li fil-mument li ttiehdet id-decizjoni mill-genituri flimkien, li l-omm u t-tifel jigu Malta, l-intendiment kien wiehed temporanju u mhux permanenti. Prova ohra dwar l-intenzjoni tal-genituri, fejn jirrizulta li l-ftehim kien li t-tifel kien ser ikun Malta ghal zmien qasir, hija l-korrispondenza li ghaddiet bejn il-genituri, fejn qablu li jitolbu lill-iskola fejn kien jattendi l-minuri fil-Belgju sabiex ikun jista' jerga' jinghaqad mal-istess klassi fis-sena 2015.

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, kif skedat fil-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni ta' minuri ghandhom jitqiesu bhala illeciti meta –*
>
> "*a) dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja, vestiti f'persuna, istituzzjoni jew enti ohra, kemm singolarment, kif ukoll konguntement, taht il-ligi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqghod minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ritenzjoni.*
>
> "*b) fil-waqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni, dawk id-drittijiet kienu attwalment ezercitati, jew konguntement sew*

*singolarment, jew kienu jkunu hekk ezercitati kieku ma kienx ghar-rimozzjoni jew ghar-ritenzjoni.*

*"Id-drittijiet ta' kustodja msemmija fis-subparagrafu (a) hawn aktar qabel jistghu joriginaw b'mod partikolari mill-operat tal-ligi jew bis-sahha ta' decizjoni gudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-sahha ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-ligi ta' dak l-Istat."*

Jigi innutat li l-artikolu in ezami jitratta mhux biss rimozzjoni, izda wkoll ritenzjoni li tista' tigi meqjusa illecita; din tal-ahhar issehh meta bhal f'dan il-kaz, il-minuri jkun barra l-pajjiz tar-residenza ordinarja tieghu ghal perjodu temporanju u ma jigix ritornat lura wara li jintemm dak il-perjodu. Il-protezzjoni tista' tintalab minn kull min ikollu "drittiijiet ta' kustodja".

Fil-kaz in ezami, il-genituri ftehmu li jezercitaw l-awtorità taghhom ta' genituri b'mod kongunt u dan kif tipprovdi wkoll il-ligi Belgjana. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-Artikolu 374 tal-Kodici Belgjana jipprovdi li meta l-missier u l-omm ma joqghodux flimkien l-awtorità tal-genituri jibqa' wiehed kongunt. Jigifieri, lil hinn mill-konsiderazzjonijiet dwar il-ftehim, biex genitur, f'dan il-kaz il-missier, ikun intitolat jitlob ir-ritorn ta' ibnu lejn pajjizu mhux mehtieg li jitlob li jinghata drittijiet ta' kura u kustodja ghax hu bizzejjed li dak il-genitur, bhala fatt, ikun jezercità dawk il-funzjonijiet. Lanqas m'hu mehtieg dritt ta' kustodja esklussiva, hu bizzejjed li dak li jkun fil-fatt jezercità drittijiet ta' genitur fuq il-minuri. F'dan il-kaz imkien ma jirrizulta li l-missier kien qieghed joqghod lura milli jezercita d-drittijiet

tieghu, u kien jippartecipa fil-hajja tal-minuri b'mod regolari. Ghalhekk huwa ritenut li r-residenza tat-tifel ma setghetx tinbidel unilateralment mill-omm minghajr il-kunsens tal-missier, u ma setghetx tippretendi li tiddeciedi hi wahedha fejn u kif jitrabba l-minuri.

Mhux kontestat mill-appellanti, fil-kontro-ezami taghha, tad-19 ta' April, 2016, li l-missier qatt ma ta l-kunsens tieghu li l-minuri jibqa' Malta indefinitivament. Kif ritenut fl-Inghilterra fis-sentenza **Cameron v. Cameron** (1995) 1996 SC 17, minn Lord Justice-Clerk Ross, Lord Morison u Lord Osborne:

> *"A person can… have only habitual residence at any one time and in the case of a child, who can from no intention of his own, it is the residence which is chosen for him by his parents… Where the parents separate, as they did in this case, the child's habitual residence cannot be changed by one parent only unless the other consents to the change. That seems to us to be implied by the Convention."*

Din il-Qorti sejra, minn issa 'l quddiem, tirreferi b'mod generali ghall-ktieb "Bromley's Family Law" (10th Edition 2007 ta' Nigel Lowe u Gillian Douglas, Oxford University Press), peress li dan jaghti trattat meqjus u car tar-Regolament applikabbli fost diversi stati tal-Unjoni Ewropeja. Dwar kif ghandhom jigu stabbiliti dawn id-drittijiet, fil-ktieb jinghad hekk (pagna 639-641):

> "*The general approach in determining this issue has been well summarised by Dyson LJ in Hunter v. Murrow (Abduction: Rights of Custody). The first task, the so called 'domestic law question', is to establish what rights, if any, the applicant had*

> *under the law of the state in which the child was habitually resident immediately before his or her removal or retention. This question is determined in accordance with the domestic law of that State and involves deciding what rights are recognised by that law and how these rights are characterised. The second task, the so-called 'Convention question', is to determine whether those rights are properly to be categorised as 'rights of custody'. This is a matter of international law and depends upon the application of the autonomous meaning of the phrase 'rights of custody' as understood by the English courts*.
> "*those who have automatic parental rights or have custody rights in their favour will generally be regarded as having rights of custody…*
>
> "*… provided the aggrieved parent was, at the time of the wrongful removal or retention exercising functions in the requesting state of a parental or custodial nature, he could be regarded as having 'rights of custody' without the benefit of any court order or official custodial status."*

Isegwi li s-sitwazzjoni ma tridx tigi ezaminata biss fid-dawl tal-ligi Belgjana, fejn rajna li l-missier ghandu vestit fih, flimkien mal-appellanti, id-drittijiet ta' genitur, izda mehud kont ukoll kif il-ligi ta' Malta thares lejn id-drittijiet ta' ġenituri. Anke minghajr il-ftehim, u indipendentement mill-validita` tieghu, jirrizulta li l-minuri hu bin l-intimata u l-missier li ta lok ghal dawn il-proceduri, u skont il-ligi ta' Malta il-missier, bhal kull genitur iehor ghandu vestit fih id-drittijiet ta' genitur fuq il-minuri mwieled miz-zwieg, u ma jirrizultax li l-missier tilef dawn id-drittijiet. Jirrizulta anzi, li l-missier qieghed jezercita dawn id-drittijiet fil-Belgju u ma giex mizmum jew imcahhad milli jkompli jezercita l-istess.

Fi kwalunkwe kaz, huwa ritenut li l-ftehim bejn il-genituri dwar il-kura u l-kustodja kongunta tal-minuri jorbot lill-partijiet, li ghazlu wkoll li jezercitaw l-awtorità kongunta taghhom kif jipprovdu l-artikoli relattivi tal-

ligi Belgjana u b'hekk ghazlu l-ligi applikabbli ghalihom. L-appellanti fix-xhieda taghha tirrizulta ben konxja ta' dan, minkejja li fir-rikors tal-appell tghid li l-missier ma gab ebda prova li kellu l-jedd tal-kura u kustodja tal-minuri qabel id-data tal-allegata ritenzjoni illegali. Mill-provi jirrizulta, pero`, li l-missier kien qieghed jippartecipa kemm fl-ghazla tal-iskola fil-Belgju meta l-minuri kellu jirritorna hemm, kemm fil-manteniment tat-tifel, kif ukoll zamm kuntatt regolari mat-tifel.

In kwantu ghall-argument tal-appellanti fejn b'referenza ghas-sentenza tat-30 ta' Gunju, 2015 fl-ismijiet **Katya Vella Bamber v. Pierre Duflou**, li ggib referenza numru 73/2015, deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, tittanta ssahhah l-argument taghha billi tghid li ladarba dik il-Qorti rriteniet li ghandha gurisdizzjoni tisma' l-kaz peress li kien meqjus li l-omm stabbiliet ir-residenza taghha hawn Malta, u b'hekk isegwi li anke l-minuri stabbilixxa r-residenza tieghu hawn Malta, din il-Qorti tosserva, kif tajjeb qal l-appellat, li dik il-kawza tinsab appellata. Ladarba dik is-sentenza m'ghandhiex effett ta' gudikat ma taghmilx stat fil-konfront tal-partijiet u ma jkunx ghaqli li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-konsiderazzjonijiet maghmula f'dik il-kawza, meta l-appell taghha ghad irid jinstema.

Ghalhekk din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tirritjenti li l-kura u kustodja tal-minuri kienet f'idejn iz-zewg genituri, u b'hekk isegwi li kien hemm

bzonn il-kunsens tat-tnejn sabiex tinbidel ir-residenza tal-minuri. Id-decizjoni li hadet l-intimata li l-minuri jibqa' Malta wara t-30 ta' Gunju, 2015, kienet wahda unilaterali, minghajr il-kunsens jew approvazzjoni tal-missier, bi ksur tad-drittijiet tieghu.

Fir-rigward tad-data tal-allegata ritenzjoni illegali, jinghad mill-appellanti li l-ewwel Qorti haditha bhala stat ta' fatt li l-intimata kellha tibqa' Malta sat-30 ta' Gunju, 2015, mentri hija tishaq li minn imkien ma jirrizulta li kellha tirritorna l-minuri gewwa Brussel fit-30 ta' Gunju, 2015. Ghalhekk tikkontendi li, ladarba ma kien hemm ebda skadenza li fih l-minuri kellu jigi ritornat fi Brussel, l-omm ma tistax tinstab responsabbli ghal ritenzjoni illegali. Hija tkompli tghid li l-unika data li tista' titqies bhala data certa hija dik tad-19 ta' Marzu, 2015, meta hija kkomunikat id-decizjoni taghha li tibqa' Malta flimkien mat-tifel u hija tinsisti li minn hawn skatta l-mument biex il-missier juri oppozizzjoni ghad-decizjoni taghha.

Jigi ribadit li mill-provi jirrizulta ampjament car li l-intendiment tal-genituri kien li l-omm tigi Malta mat-tifel <u>ghal zmien definit</u>, bejn Settembru 2014 u Gunju 2015, b'dan illi l-genituri kellhom jibqghu jirrevedu s-sitwazzjoni taghhom kull tliet xhur, sabiex jiddeciedu x'ser jigri mit-tifel wara t-30 ta' Gunju, 2015. Hawnhekk terga ssir referenza fejn il-genituri qablu li jitolbu lill-iskola fejn kien jattendi l-minuri sabiex ikun jista' jerga'

jinghaqad mal-istess klassi fis-sena 2015, kif ukoll fejn jirrizulta li l-appellanti ma kenitx irrizenjat mix-xoghol li hija kellha fil-Belgju, peress li nghatat *unpaid leave* u fil-fatt inghatat estensjoni sal-15 ta' Settembru, 2015. Inoltre kien miftiehem illi f'kaz li l-ġenituri jibqghu ma jiftehmux, huma kellhom jissottomettu l-kaz quddiem imhallef Belgjan kompetenti. Mill-kliem adoperat fil-ftehim, *"celles-ci devront soumettre leur litige au juge competent belge"* - dan jimplika li (1) l-ġenituri accettaw li jissottomettu ruhhom ghal decizjoni ta' qorti Belgjana u (2) l-ġenituri kellhom irressqu l-kaz taghhom quddiem l-imhallef kompetenti Belgjan. Dan hu korroborat mix-xhieda in kontro-ezami tal-appellanti meta tghid:

> "*yes exactly, the convention of honour, what we agreed on was that if we do not reach agreement after 30th June of where Matthew would reside after,* ***we would start legal proceedings.***"

Huwa logiku li wiehed jistenna li mhux biss l-omm kienet sejra l-Belgju, sabiex fin-nuqqas ta' ftehim, jinbdew il-proceduri legali, izda anke l-minuri kien ser jmur lura l-Belgju. Barra minn hekk, ghalkemm il-ftehim ma jsemmix esplicitament li l-minuri kellu jmur il-Belgju sakemm tinghata decizjoni, lanqas m'hemm li l-minuri kellu jibqa' Malta. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti bhal ta' qabilha, tara li l-implikazzjoni cara tal-intendiment bejn il-partijiet hija li fin-nuqqas ta' ftehim, il-minuri jmur lura l-Belgju wara l-ahhar ta' Gunju, 2015 sakemm jigi deciz il-kaz mill-Qorti Belgjana.

Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Awwissu, 2012, fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali v. Michael Caruana:**

> *"… … … il-Qorti tinnota li r-regolament inkwistjoni jolqot kemm wrongful removal kif ukoll wrongful retention, b'din tal-ahhar tavvera ruhha meta minuri li jkun barra mill-pajjiz tar-residenza ordinarja tieghu ghal perjodu temporanju, ma jigix ritornat lura f'gheluq dak il-perjodu."*

B'applikazzjoni ta' dan il-principju, u in konsiderazzjoni ta' dak li jinghad fil-ftehim bejn il-genituri, din il-Qorti wkoll hi tal-fehma li l-minuri kellu jirritorna l-Belgju ma' ommu, l-aktar tard wara t-30 ta' Gunju 2015. Wara dik il-gurnata skattat l-*unlawful retention* peress li l-kunsens tal-missier li l-minuri jibqa' Malta nghata sa dik il-gurnata. Wara dik il-gurnata u fin-nuqqas ta' kunsens tal-missier, kien jispetta lill-omm tmur taghmel il-kaz taghha quddiem il-qorti Belgjana kif kien pattwit mar-ragel. Jigi osservat ukoll li fis-sentenza citata mill-appellanti ta' **Director of the Department of Social Welfare Standards v. JK**, ukoll kien ritenut li kien hemm *unlawful retention,* izda kien ritenut li sussegwentement, f'dak il-kaz, kien hemm akkwijexxenza da parti tal-missier qabel ma istitwixxa l-proceduri taht il-Konvenzjoni.

Min-naha taghha, l-appellanti tikkontendi li d-data meta hija iddecidiet li hija tibqa' Malta, fid-19 ta' Marzu, 2015, kellha tittiehed bhala d-data tal-punt tat-tluq, u li wara din id-data kien hemm akkwijexxenza da parti tal-

missier u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li ma kelliex difiza f'dan ir-rigward. Ladarba l-appellanti qeghda tikkontendi li kien hemm akkwijexxenza da parti tal-missier, a tenur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, hekk kif skedat taht il-Kapitolu 410, tal-Ligijiet ta' Malta, kien jispetta lilha tipprova tali akkwijexxenza.

Din il-Qorti ssib dan l-argument pjuttost dghajjef, meta wiehed iqis il-provi mressqa mill-partijiet, fosthom in-numru ta' drabi li fihom il-missier kiteb lill-omm sabiex jipprova jikkonvinciha tmur lura mid-decizjoni mehuda minnha u minflok flimkien jissottomettu ruhhom ghal decizjoni ta' imhallef Belgjan, kif stipulat fil-ftehim, kif ukoll prova cara li turi li l-missier ma qabilx mad-decizjoni taghha. Fl-ewwel lok ftit wara li l-omm infurmatu bl-istess decizjoni taghha, jirrizulta mill-korrisponenza esebita mill-istess appellanti li l-missier informaha:

> *"considering our opposite views on the future and your "unilateral" decision to stay in Malta, I have asked my lawyer to start a legal proceeding to face a judge".*

Inoltre, ma tara xjen kontradittorju jew konfliggenti fix-xhieda tal-missier meta mistoqsi l-ghala ma hax il-passi odjerni sa minn dakinhar li l-appellanti nformatu fid-19 ta' Marzu, 2015 li kienet iddecidiet li tibqa' Malta, meta jwiegeb li baqa' jipprova jaghzel it-triq tal-medjazzjoni u li f'dak iz-zmien ma kienx edott mill-proceduri ta' sekwestru tal-minuri. Dan jinsab korroborat mid-dokumenti fl-atti fejn jirrizulta li l-missier, mar

ifittex parir mill-awtorità centrali fil-Belgju sa mill-21 ta' April, 2015 (kif dikjarat mir-rapprezentant tal-istess awtorità) u li kien inghata parir li seta' jmexxi bil-proceduri odjerni biss wara t-30 ta' Gunju, 2015, peress li kien jirrizulta l-kunsens tieghu li l-minuri seta' jibqa' Malta sa dik id-data. Fil-fatt, jirrizulta mill-atti wkoll, il-korrispondenza kollha li kienet ghaddejja bejn il-missier u l-awtorità Belgjana fir-rigward. Konsidrat dan kollu, huwa ritenut li l-missier ma kienx qieghed jaghti il-kunsens li l-minuri jibqa' Malta wara t-30 ta' Gunju, 2015, u wisq inqas jista' jinghad li ma ha ebda passi biex jassigura r-ritorn tal-minuri. Is-sottomissjoni li l-access bejn il-missier u l-iben baqa' ghaddej bla interruzzjoni u l-missier kien jibghat il-minuri volontarjament lura lejn Malta hija meqjusa fiergha meta wiehed iqis li l-missier ma kellux ghazla ohra wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li nhareg fuq talba tal-istess appellanti.

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru, 2015, fl-ismijiet **Director of the Department of Social Welfare Standards v. JK**:

> "*Ghalhekk, il-kunsens mhux mehtieg li jkun la bil-kitba u lanqas espress, pero`, irid ikun car u inekwivoku. Fl-Ingilterra hu ammess ukoll li l-kunsens jista' jirrizulta minn kondotta. Fil-kaz Re: H (Minors) (Abduction: Acquiescence) deciza mill-House of Lords fl-1998, apparti li ntqal li akkwijexxenza tiddependi mill-"actual state of mind" ta' dak li jkun, il-Qorti osservat li, min-naha l-ohra, b'mod oggettiv; "Where the words or actions of the wronged parent clearly and unequivocally show and have led the other parent to believe that the wronged parent is not asserting or going to assert his right to the summary return of the child and are inconsistent with such return, justice requires that the wronged parent be held to have acquiesced.*

> "*… The English approach to this part of Art 13 is now summarised in the speech of Lord Browne-Wilkinson in Re H (Abduction: Acquiescence) [1998] AC 72, [1997] 1 FLR 872. At 87G-88D and 882A-E respectively he said:*
>
> > *'What then does Art 13 mean by "acquiescence"? In my view, Art 13 is looking to the subjective state of mind of the wronged parent. Has he in fact consented to the continued presence of the children in the jurisdiction to which they have been abducted? This is the approach adopted by Neill LJ in Re S (Minors) (Abduction: Acquiescence) [1994] 1 FLR 819 and by Millett LJ in Re R (Child Abduction: Acquiescence) [1995] 1 FLR 716. In my judgment it accords with the ordinary meaning of the word "acquiescence" in this context. In ordinary litigation between two parties it is the facts known to both parties which are relevant. But in ordinary speech a person would not be said to have consented or acquiesced if that was not in fact his state of mind whether communicated or not.*
> >
> > "*In my judgment, therefore, in the ordinary case the court has to determine whether in all the circumstances of the case the wronged parent has, in fact, gone along with the wrongful abduction. Acquiescence is a question of the actual subjective intention of the wronged parent, not of the outside world's perception of his intentions.*"

Mill-fatti tal-kaz in ezami, jidher car u inekwivoku li ma kienx hemm akwijexxenza da parti tal-missier, peress li fil-fehma tal-Qorti ma tressqet ebda prova da parti tal-appellanti li tikkonvinciha li l-missier seta' taha x'tifhem li kien qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu ta' genitur fuq il-minuri, jew li kien qieghed jaccetta d-decizjoni tal-omm li zzomm il-minuri hawn Malta, wara t-30 ta' Gunju, 2015.

L-appellanti tirribadixxi li d-decizjoni tal-ewwel Qorti mhux biss hija erroneja fl-apprezzament tal-fatti, izda l-konkluzjoni hija bbazata fuq fatti li ma jirrizultawx mill-process. Kemm fir-rikors tal-appell, kif ukoll fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-appellanti jishaq li l-omm ma

gabitx il-minuri Malta b'qerq izda bil-kunsens tal-missier. Din il-Qorti tirrileva li mill-esposizzjoni tal-fatti mressqa quddiemha jirrizulta li tassew l-appellanti iddecidiet li tibqa' Malta fid-19 ta' Marzu, 2015, u mhux qabel. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li fil-fatt hija kienet qeghda tqarraq bir-ragel meta wriet ix-xewqa li tigi Malta ghall-perjodu ta' riflessjoni meta l-partijiet waslu ghall-ftehim kif redatt fil-*Convention d'Honneur.* Madankollu, din il-Qorti, kif intqal qabel, hija konvinta wkoll, li mill-provi esposti, jirrizulta li mill-ftehim bejn il-partijiet hekk kif rifless fil-*Convention d'Honneur* u mid-dokumenti l-ohra esebiti mill-partijiet fil-process, jirrizulta daqstant car, li l-kunsens tal-missier li l-minuri jibqa' Malta, kien validu sat-30 ta' Gunju, 2015. Wara din id-data, u fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-genituri, kien jispetta liz-zewg genituri li jissottomettu l-kwistjoni dwar il-futur ta' binhom quddiem qorti Belgjana. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm kuntrarjament ghal dak riskontrat mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax il-qerq da parti tal-omm, izda certament tirrizulta r-ritenzjoni illegali tal-minuri, wara d-data li fiha skada l-kunsens tal-missier.

L-appellanti kienet ben konxja ta' dan peress li meta kienet mistoqsija dwar jekk il-missier qatt tax il-kunsens tieghu li t-tifel jibqa' Malta, hija wiegbet hekk:

> *"No, that is why we are in court"*

Ghalhekk isegwi li l-appellanti ma setghetx tiddeciedi li zzomm lill-minuri f'Malta, ladarba kien nieqes il-kunsens tal-missier wara t-30 ta' Gunju, 2015, minn liema data skattat r-ritenzjoni illegali tal-minuri gewwa Malta. Isegwi li ghalkemm il-Qorti ma tirriskontra ebda qerq da parti tal-appellanti meta ddecidiet li tigi Malta mal-minuri, madankollu din il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni bhal dik ta' qabilha fil-bqija tal-apprezzament tal-provi.

Jonqos li jigi trattat il-punt tal-interess suprem tal-minuri, fis-sens li l-appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-konsegwenzi ta' possibli ritorn tal-minuri, u ghall-pregudizzju li jista' jigi espost ghalih, konsidrat il-fatt li l-minuri issa integra sew u qieghed stabbli gewwa Malta, f'ambjent li ilu jghix fih ghal sentejn shah.

Dan l-argument tal-appellanti huwa msejjes fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni:

> "*Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu ta' qabel, l-awtorita` gudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti ohra li topponi r-ritorn iggib il-prova li –*
>
> "*b) Jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih ghal dannu fiziku jew psikologiku jew inkella jqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.*"

L-ghan ewlieni tal-Konvenzjoni tal-Ajja u tar-Regolament 2201/2003, huwa l-protezzjoni tat-tfal mill-effetti tal-hsara li ggib maghha r-

rimozzjoni u r-ritenzjoni illecita u ghalhekk jipprovdu ghar-ritorn immedjat tat-tfal ghall-post ta' residenza abitwali taghhom, hlief f'cirkostanzi eccezzjonali. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fir-rigward, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Mejju, 2016, fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali v. Sharon Rose Roche nee' Bellamy** :

> "*Għar-rigward tal-interess tal-minuri, il-Konvenzjoni nfisha tfittex li tipprotegi l-interess suprem tal-minuri billi tintenta tevita li l-minuri jiġi meħud bil-forza jew bla awtorizzazzjoni gudizzjarja jew minghajr il-kunsens ta' xi waħda mill-ġenituri tiegħu, b'mod li l-istess minuri jiġi impedut li jara jew ikollu aċċess għall-wieħed mill-ġenituri tiegħu. Din il-Qorti tirreferi għall-ktieb "Bromley's Family Law" (10th Edition 2007 ta' Nigel Lowe u Gillian Douglas, Oxford University Press) fejn jinghad hekk fuq din il-kwistjoni:*
>
> *"The fact that an individual child's interests are not the paramount consideration when determining a return application prompts the question as to the 1980 Convention's compatibility with the requirement under Art 3 of the UN Convention on the Rights of the Child 1989 that in all actions concerning children 'whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration'.*
>
> *"This issue has been expressly litigated in Australia where the charge of incompatibility was rejected inter alia on the ground that Art 11 of the UN Convention entreats States 'to take measures to combat the illicit transfer and non-return of children abroad'. It may also be pointed out that Art 35 of the UN Convention requires States to 'take all appropriate national, bilateral and multilateral measures to prevent the abduction of children for any purpose or in any form'. In any event, surely the most persuasive argument is that by providing admittedly limited exceptions to the obligation to return, the Hague Convention does, in principle, pay sufficient regard to the interests of each individual child especially as it is not determining the merits of any custody dispute but rather the forum in which that dispute must be determined. At any rate, it was this line of argument that led the German Constitutional Court in G and G v. Decision of OLG Hamm to rule that the 1980 Convention was compatible with the UN Convention.*

> *"Prompt returns are also entirely compatible with the European Convention on Human Rights. The English courts, for example, take the view that a return order under the 1980 Convention is unlikely to be thought to be in breach of Art 8 of the European Human Rights Convention as interfering with the right to respect for family life particularly as the abduction will have disrupted the child's living arrangements in the first place. Furthermore, the European Court of Human Rights has held that the failure expeditiously to enforce a return order under the Hague Convention can be a breach of Art 8 on the basis of a failure to meet the positive obligation on States to ensure effective respect for family life by taking measures to enforce a parent's right to be reunited with his or her child."*
>
> *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawża Direttur tad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali v. Caruana, deċiża fit-3 ta' Awwissu, 2012:*
>
> > *"Kwindi, l-interess suprem tal-minuri jiddetta li l-interessi tat-tfal ghandhom jigu ezaminati u salvagwardati fil-forum opportun, fejn il-minuri jkollu r-residenza abitwali tieghu, u mhux mill-Qorti tal-pajjiz fejn il-genitur jahrab bil-minuri. Dan huwa l-veru interess tal-minuri, u cioe`, li jkollu l-kaz tieghu trattat fl-ambjent li fih kien qed jghix. Xort'ohra jigri li tigi incentivata u ppremjata l-prepotenza u l-illegalita' u l-htif illegali tal-minuri u dan palesament imur kontra l-interess suprem tal-istess minuri. Din il-Qorti tfakkar illi, b'dawn il-proceduri, ma jigix deciz min mill-genituri se jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri; din materja li se tibqa' impregjudikata, kif se jibqa impregjudikat id-dritt tal-minuri ghal familja mal-missier jew mal-omm, skont kif tiddeciedi l-Qorti kompetenti in materja."*

Anke l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tqis li din il-Konvenzjoni tirrispetta l-interessi tal-minuri dment li ma jkunx hemm "*serious risk*" ghat-tifel, u jiġi aċċertat li jkun hemm "*adequate safeguards*" fil-pajjiż l-ieħor biex il-minuri jitħares minn xi riskji magħrufa (ara **X v. Latvia**, deciza mill-Grand Chamber fis-26 ta' Novembru, 2013). L-uniku riskju li l-appellanti ssemmi fil-kaz in ezami, huwa dak li tikkontendi li jekk it-tifel jigi zradikat issa minn Malta, tista' ssarraf fi hsara psikologika peress li apparti li jitlef certu stabbilta li sab, `meta l-missier ikun msiefer fuq

xoghol ser jisfa sahansitra minghajr ebda wiehed mill-genituri tieghu. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, din mhix meqjusa bhala raguni gravi bizzejjed altrimenti jista' jsarraf f'abbuz. Dan qieghed jinghad peress li r-ritorn tal-minuri lejn il-pajjiz fejn huwa abitwalment residenti hi msejsa fuq il-htiega li jkunu skuraggati s-sekwestri tal-minuri. Anzi l-abbuz ghandu jigi mwaqqaf u l-genituri ghandhom jippruvaw jirrisolvu l-kwistjonijiet li jolqtu lil uliedhom, b'mod pacifiku u matur sabiex ikollu l-inqas impatt negattiv possibbli fuq it-tfal u mhux jintuzaw bhala ballun bejn il-genituri. Huwa ritenut li jekk minuri jkollu residenza f'pajjiz m'ghandux jitnehha minn hemm minn genitur wiehed li jkun jista' "jaghzel" il-gurisdizzjoni biex quddiemha jressaq il-kaz tieghu. Genitur m'ghandux jithalla "jaghzel" hu fejn tittiehed decizjoni li taffettwa l-interessi tal-minuri, izda dawn tal-ahhar ghandhom jigu mistharrga mill-qorti tar-residenza abitwali tieghu. Altrimenti r-rieda ta' min jahtaf l-ewwel taht idejh lill-minuri tipprevali fuq ir-rieda tas-saltna tad-dritt u dan certament iservi biss sabiex jinkoraggixxi l-htif ta' tfal minuri, li certament b'ebda mod ma jista' jkun fl-ahjar interess taghhom. (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Awwissu, 2012, fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali v. Michael Caruana.)**

Biex minuri ma jintbaghtx lura jrid ikun hemm ragunijiet gravi u impellenti li jiggustifikaw decizjoni simili. Kif intqal fil-kaz **Re: H (Children) (Abduction)** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra:

> "*The threshold to be crossed when an article 13(b) defence is raised is a high one and difficult to surmount. Hence the courts in this country have always adopted a strict view of Article 13(b). The risk must be grave and the harm must be serious. The courts are also anxious that the wrongdoer should not benefit from the wrong: that is, that the person removing the children should not be able to rely on the consequences of that removal to create a risk of harm or an inntolerable situation on return. This is summed up, after a review of the authorities, in the words of Ward LJ in re C (Abduction: Grave Risk of Psychological Harm) [1999] 1 FLR 1145, 1154, cited by the judge in the present case:-*
>
> *"There is, therefore, an established line of authority that the court should require clear and compelling evidence of the grave risk of harm or other intolerability which must be measured as substantial, not trivial, and of a severity which is much more than is inherent in the inevitable disruption, uncertainity and anxiety which follows an unwelcome return to the jurisdiction of the court of habitual residence*."

L-uniku prova li tressqet fl-atti bhala raguni l-ghala it-tifel m'ghandux jintbaghat lura l-Belgju hija stqarrija ta' Joanna Mulholland, playtherapist li tahdem fl-iskola fejn imur it-tifel f'Malta, li meta osservat li t-tifel kien jidher imdejjaq, kellmitu u qalilha li missieru ried jiehdu Brussel u meta staqsiet lit-tifel xi xtaq jaghmel huwa qalilha li ried jibqa' hawn Malta. Fil-fehma tal-Qorti, dan hu kaz car fejn il-genituri bl-agir taghhom qeghdin joholqu impatt negattiv fuq it-tifel taghhom. Ma jistax ma jigix ribadit li l-omm kienet tkun mhux biss legalment korretta, izda kienet tkun qeghda tagixxi fl-ahjar interess tat-tifel, li kieku segwiet il-proceduri legali u mxiet mal-ftehim li kellha originarjament mar-ragel u talbet lill-Qorti Belgjana l-kura u l-kustodja tat-tifel, inkluz li tirriloka f'Malta bit-tifel. Izda dawn huma materji li f'kull kaz jistghu jigu trattati fil-forum kompetenti u ma jimpedux ir-ritorn tat-tifel. Din il-Qorti taf, mhux biss, li

l-Belgju huwa pajjiz demokratiku, u membru tal-Unjoni Ewropea u firmatarju tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem, izda jikkontjeni struttura guridika efficjenti u qawwija bizzejjed biex, f'kull cirkustanza, tipprotegi l-interessi tal-minuri (ara, bhala rifless fuq dan, il-ktieb "Introduction to Belgium Law" ta' Bocken u DeBondt)

Ma hemm xejn fl-atti li juri li, jekk it-tifel jigi ritornat lejn il-Belgju, se jsofri minn xi trawma ta' hsara kbira ghalih. Ovvjament, it-tifel zgur li qed ihossu konfuz b'dak li qed jigri, u n-nuqqas tal-genituri tieghu li jiftehmu dwaru u, aktar, li jonoraw dak li jkunu ftehmu fuqu, zgur li qieghed ihalli mpatt xejn sabih fuq il-minuri. Pero`, din il-Qorti ma tistax torbot ma' din il-konfuzjoni f'mohh il-minuri biex tichad ir-ritorn, u fin-nuqqas ta' prova li r-ritorn tal-minuri lejn il-Belgju jista' johloqlu pregudizzju serju, pregudizzju li l-qrati tal-Belgju ma jkunux jistghu jahsbu ghalih, allura ma ghandux jinholoq intopp ghar-ritorn tal-minuri lejn il-gurisdizzjoni abitwali tieghu.

Il-fatt li l-minuri jista' jkollu f'Malta hajja ahjar milli jkollu gewwa Brussel, u li jista' jkun iktar kuntent hawn milli hemm, dan huwa mertu li ghandu jigi investit f'kawza ta' kura u kustodja. Jigi ribadit li l-kwistjoni ta' kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi trattata mill-qorti Belgjana, il-post tar-residenza abitwali tal-minuri, u mhux minn dawn il-qrati, permezz tal-proceduri odjerni. Fil-fatt, kif gustament tosserva l-abbli rappresentant

tad-Dipartiment appellat, l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tal-Ajja espressament jipprovdi:

> "*Decizjoni li tittiehed taht din il-Konvenzjoni dwar ir-ritorn ta' minuri m'ghandhiex titqies bhala li tkun qed tiddeciedi wkoll il-mertu ta' xi kwistjoni dwar il-kustodja.*"

Apparti dan, din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-fatti tal-kaz, u fid-dawl tal-premess, ma tarax li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilha agixxiet b'xi mod inkorrett.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-intimata Katya Vella Bamber billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma fis-shih is-sentenza tad-29 ta' Lulju, 2016, u konsegwentement tordna r-ritorn immedjat tal-minuri gewwa l-Belgju, b'dan li tali ritorn ghandu jsir bl-ghajnuna u bl-involviment kollu mehtieg tad-Dipartiment appellat.

L-ispejjez kollha kemm tal-prim'istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-intimata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df